# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 19 ta' Novembru 2017
It-33 Ħadd Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**

Illum ser niċċelebraw il-liturġija tat-tlieta u tletin Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tkompli tħeġġiġna sabiex ikollna l-fidi u l-perseveranza. Min jgħix dawn il-virtujiet jikseb is-salvazzjoni.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Prov 31, 10-13.19-20.30-31)

Is-silta li ser nisimgħu tfaħħar lill-mara għaqlija.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 127 (128), 1-2.3.4-5)

Hieni kull min jibża' mill-Mulej.

**It-Tieni Qari** (1 Tess 5, 1-6)

San Pawl iħeġġeġ għat-talb u l-preparazzjoni kontinwa fil-ħajja nisranija.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 25, 14-30 (Mt 25, 14-15.19-21))

Alla jagħti u jippremja lil kulħadd skont għemilu.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**

Il-ħidma tan-nisrani tilħaq il-milja tagħha fl-offerta kontinwa lil Alla.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Il-bniedem li jwettaq il-ħidma tiegħu bil-fidi jemmen li għandu bżonn tal-qawwa ta' Alla. Din il-qawwa tiġi meta l-individwu jirċievi l-Ewkaristija u jsir ħaġa waħda magħha.
Nersqu għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.